# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tlieta u tletin (33) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 18 t'Awwissu 2009, fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Nofs siegħa qabel ma bdiet is-seduta, kienu miksura s-siġilli tal-**kaxxa tal-offerti tal-kisi ta' toroq bit-tarmak** u nstabu li kienu twaddbu fiha erba' offerti: *Bonnici Bros*, *Polidano Bros*, *Asfaltar Ltd* u *Schembri Ltd*. Aktar tard is-segretarju eżekuttiv ikkopja l-*bills of quantities* ħalli dawn ikunu komparabbli ma' dawk ta' xulxin u ċirkulati lill-kuntratturi stess, b'kopja fin-*notice board* mal-ħajt tal-għassa tal-pulizija.

2. Is-Sindku, is-**Sur Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba**.

3. Is-segretarju eżekuttiv qara l-minuti tas-seduta preċedenti u dawn ġew approvati u ffirmati.

4. Dwar il-propost ***loan* minn bank lokali,** is-sindku qal li diġà għandna *draft* tal-ittra ppreparata u din se nibagħtuha lill-banek kollha ta' Malta biex naraw min se joffri l-orħos rata ta' interessi.

5. Għadna qed nistennew l-**appuntament mal-Ministru George Pullicino** ħalli jkunu mitluba dawk ix-xogħlijiet li huma msemmija fil-minuti tas-seduta preċedenti.

6. Nicholas Briffa talab id-dokumentazzjoni fejn fiha hemm referenza għall-ewwel talba li saret minn dan il-kunsill sabiex tissewwa l-**ħsara tal-ilma fi Triq Mikelanġ Sapiano**, propju fil-ġnien.

7. Dwar il-laqgħa li kellhom kemm is-sindku kif ukoll il-Kunsillier Paul Spiteri biex ninkludu **l-involviment tal-*Institute for Tourism Studies (ITS)*** fl-attività nazzjonali tat-**2 t'Ottubru 2009**, intqal illi dawn mhux biss se jkunu involuti fil-qasam tal-kċina Maltija li se tkun offruta lill-pubbliku li se jattendi bi prezzijiet verament raġjonevoli (madwar €4 f'għażla ta' żewġ platti). Infatti hemm żewġ għażliet biex naħsbu għal 400 *cover*: flus f'idejn il-kunsill u nipprovdu t-*tokens* aħna jew inkella kollox ikun f'idejhom. Infatti dan l-istitut se jipprovdielna wkoll il-gwidi li se jkunu impenjati li juru b'mod professjonali s-siti storiċi, bħall-Katakombi tal-Mentna, lill-pubbliku li se jattendi, inkluż lit-turisti.

8. Dwar **l-ingaġġ ta' skrivan /skrivana,** tlabna lill-*ETC* biex jipprovdulna persuni minn fuq ir-reġistri tagħhom ta' dawk li qed ifittxu xogħol. Huma tawna din il-lista u avżaw lil dawn il-kandidati prospettivi sabiex jibagħtulna applikazzjoni u *cv* sa nhar il-21

t'Awwissu 2009. Minn dawk kollha fuq il-lista li se jkunu pprovdew l-applikazzjoni sal-ġurnata msemmija, se ssirilhom l-intervista aktar 'il quddiem. Fi tmiem is-seduta, Grace Marie Mallia xtaqet tkun fuq il-board tal-intervisti minkejja li s'issa dan il-bord għadu ma kienx iffurmat, filwaqt li s-sindku qal li fuqu se jkun hemm żgur hu stess u s-segretarju eżekuttiv. Grace Marie Mallia talbet aktar dettalji dwar meta se jsiru l-intervisti liema data għadha ma kienetx appuntata. Is-sindku qal li malli jkollna l-applikanti kollha ninfurmaw lill-KLM u lil dawn is-sinjuri għall-intervista.

9. Dwar **trab eċċessiv fi Triq tas-Sejba**, se nagħmlu kuntatt ma' persuna sabiex tipprovdi makkinarju u dan jinkines u jittella' fi trakk ħalli jittieħed minn fuq il-post. Nicholas Briffa, b'aċċenn għall-inċidenti li seħħew kaġunati minn sewqan esaġerat f'din it-triq talab lill-kunsill sabiex jagħmel aktar insistenza fuq l-awtoritajiet biex jipprovdu barikata aktar b'saħħita li ma jmurx ikun hemm inċident fatali b'xi vettura taqa' sulari 'l isfel għall-barriera. Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni bil-proposta ta' persuna li saritlu sabiex jimtela bil-qatran tan-nar ix-xaqq li feġġ f'din it-triq ħalli din ix-xitwa li ġejja ma jibqax jidħol ilma taħt it-triq u jikkaġunalha aktar ħsara. Is-sindku qal li huwa infurmat li din it-tiswija se ssir mill-ADT, inkluż it-twaħħil ta' barikati ta' protezzjoni.

10. Intant, dwar ir-reklami mwaħħla fuq il-***U-shaped barriers*** mhux biss fi Triq tas-Sejba iżda wkoll fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, bgħatna l-avviż ta' tiġdid lill-aġjendi kollha li qed jirreklamaw magħna.

11. Saret it-**talba lill-*Malta Resources Authority*** sabiex jittaqbu toqob fil-ġibjun il-miftuħ biex jilqa' aktar ilma tax-xita billi jippenetra ammont akbar fih u jgħin fil-problema li għandu l-KLM. Dan għaliex dawn l-inħawi jegħrqu ma kull bexxa xita li tagħmel.

12. Se tintbgħat l-ittra li biha se ninfurmaw lill-***AGP Group*** illi l-Kunsill Lokali Mqabba se jirtira minn dan il-grupp u ser jinforma lis-Sindku ta' Ħal Kirkop sabiex jinħatar President ieħor.

13. Dwar il-**festa tar-raħal,** il-kunsillieri attendew ħafna mill-istediniet li sarulhom. Is-sindku irringrazzja lil kull min ta sehmu. Hu faħħar l-inizjattivi li kienu meħuda biex twaħħlu l-*posters* tad-devjazzjoni tat-traffiku. Infatti dan mexa sew kemm lejlet u kif ukoll nhar il-festa. Twaħħlu wkoll *posters* oħrajn li kienu jindikaw li l-*bus stops* eżistenti kienu mingħajr użu u l-pubbliku kien imħeġġeġ juża temporanjament oħrajn fil-periferija. Dan għaliex ir-raħal kien magħluq prattikament bil-barikati tal-pulizija, taħt it-tmexxija tas-Supritendent Bartolo li s-sindku qal li kkollabora ferm, mhux biss mal-kunsill iżda wkoll mal-Gwardjani Lokali. Saret referenza għall-*passes* li ingħataw lil persuni li kellhom propjetà r-raħal u li ma kellhomx il-karta tal-identità fuq l-Imqabba u oħrajn li ngħataw lill-għaqda tan-nar minkejja li kien hemm xi inċident iżolat fejn persuna tal-Għaqda tan-Nar ma kelliex *pass* u din ma tħallietx tidħol, li ma kienx għall-intervent tas-Segretarju tal-Kazin Santa Marija. Minn informazzjoni li għandu l-uffiċċju, kien hemm ukoll xi inċident b'vettura fejn din baqgħet dieħla f'barikata tal-kunsill għaliex ix-xufier ma rahiex imwaħħla fi Triq Santa Katerina.

14. Il-kunsill ma kellu l-ebda oġġezzjoni biex issir il-**laqgħa mill-Każin tal-Futbol** fl-Isptar il-Qadim fi dħul is-*season* tal-logħob tat-tfal tan-*nursery.* Din il-laqgħa se ssir nhar id-19 t'Awwissu 2009.

15. Għadna mingħajr risposta dwar it-talba li saret kif ukoll imsemmija fil-minuti tas-seduta preċedenti dwar żvilupp u **tindif mitlub mill-KLM viċin l-*emergency exit* f'Tas-Sejba.**

16. Bdew jitqassmu l-formuli ta' **Ġieħ l-Imqabba 2009** lil kull min qed jitlobhom.

17. Dwar il-***lift* fil-Muniċipju** li qed jipproponu l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, il-KLM hu tal-fehma li dan m'hemmx għalfejn isir għaliex fis-sular t'isfel kull min jiġi, se jinqeda minn kull servizz li jeżisti fil-Muniċipju.

18. Ix-xogħol fuq in-**niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Valletta** issa tlesta għal kollox minn *Agius Stone Works* u l-kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-kerrej li aċċetta l-proposta li saritlu mill-uffiċċju tagħna diversi xhur ilu. Intqal li dan ir-restawr kien bżonjuż ferm biex ġiet salvata din in-niċċa storika.

19. Dwar l-ilment li sar fl-uffiċċju tagħna li **persuni ma setgħux jgħaddu** minn quddiem il-każin tas-SMMTĠ, minħabba ingombru, Paul Spiteri qal li ma kienx il-każ quddiem il-Każin tal-PN, għaliex quddiem dan il-post, issa saret bankina wiesgħa ħafna. Infatti hu qal li informa lill-*barman* sabiex l-imwejjed joħroġhom barra fil-festa biss. Hawn saret referenza għall-ittra ta' tliet paġni ta' oġġezzjoni li saret mis-SMMTG biex jiġġustifikaw il-ħruġ ta' siġġijiet barra fuq il-bankina. F'din l-ittra ssemmew ukoll problemi antiki bħall-kwistjoni tal-ġemellaġġ. L-ittra kienet irċevuta f'dan l-uffiċċju llum. Madankollu kopja tagħha ilha f'idejn is-sindku u l-kunsillieri. Fil-frattemp is-sindku kien bagħat ittra oħra t'apoloġija fuq bażi personali, minkejja li hu qal li ma kellux għalfejn jagħmilha. Infatti is-SMMTG għamlet referenza għal din l-ittra fit-tweġiba. Intant Nicholas Briffa qal li hemm bżonn naħsbu ftit fuq *bye-law* li tirregola ngombru fuq bankini minn qsari u saħansitra bankijiet li jinsabu mxerrdin mar-raħal kollu.

20. Il-Kunsill Lokali Mqabba approva l-**estenzjoni tal-kuntratt tad-dwal tat-toroq** lill-*Nexos Co Ltd* sa Ottubru 2009, sakemm id-distrett tagħna se jkun jifforma parti minn dawn il-lokalitajiet. Qrendi, Mqabba, Zebbuġ, Qormi, Siġġiewi, Żurrieq, Luqa, Ħal Safi, Ħal Kirkop, Birżebbugia, Ħal Għaxaq, Gudja, Santa Luċia u l-Ħamrun.

21. Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet* numru *353***.

22. Kien imqassam mis-segretarju eżekuttiv ir-**Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2009/10** lill-kunsillieri. Dan sabiex ikollhom ċans jarawh u jiġi approvat f'seduta oħra ħalli jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

23. Intalbet **laqgħa oħra mill-Grupp t'attività *"L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien"*** mal-għaqdiet tar-raħal biex issa jiġu konklużi l-pjanijiet kollha sat-2 ta' Ottubru 2009. Din kienet imsejħa nhar il-Ħamis, 20 t'Awwissu 2009 u l-għaqdiet kollha kienu mitluba jibagħtu rappreżentant.

24. Dwar l-inċidenti ta' **ħruq ta' vetturi fir-raħal minn vandali,** il-Kunsill Lokali Mqabba ħareġ stqarrija u s-sindku qal li kien intervistat minn diversi kumpaniji tal-mezzi tax-xandir dwar dawn il-każijiet.

25. Is-sindku informa lill-KLM illi bħal issa għaddejja kampanja ta' tindif u għadna kemm applikajna biex nissieħbu fil-**kampanja edukattiva 'Premju Lokalitajiet Indaf'.** Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku tiddetermina s-suċċess tar-raħal tagħna u fl-istess waqt it-taqsima tal-*Field Services Branch* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed tassessja l-lokalitajiet. Is-sindku qal li se nħeġġu aktar dwar *clean ups* li nistgħu nagħmlu kif ukoll lill-Kuntrattur Joseph Zammit, sabiex jiddedika aktar ħin fit-tindif speċjalment tat-toroq urbani.

26. Fi tmiem il-laqgħa kien deċiż li fil-laqgħa li jmiss ikun diskuss l-**aġġudikar tal-offerta tal-Kisi mill-ġdid tat-toroq.**

27. Il-laqgħa ntemmet fit-8:30pm u se tinżamm dik li jmiss fl-1 ta' Settembru 2009.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*09 /09 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |